

Brussell, 21 ta' Settembru 2021  
(OR. en)

11528/21

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2021/0282 (NLE)**

---

**AELE 86**  
**EEE 70**  
**N 109**  
**ISL 65**  
**FL 65**  
**CLIMA 218**  
**ENER 358**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: ABBOZZ ta' DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet

---

ABBOZZ

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**

**Nru ...**

**ta' ...**

**li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar kooperazzjoni  
f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Huwa xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontreanti għall-Ftehim ŻEE tiġi estiża biex tinkludi r-Regolament (UE) Nru 2021/783 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jstabilixxi Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE), u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013<sup>1</sup>.
- (2) Huwa xieraq li l-parteċipazzjoni tal-Istati tal-EFTA fl-attivitajiet li jirriżultaw mir-Regolament (UE) Nru 2021/783 tibda mill-1 ta' Jannar 2021, irrispettivament minn meta din id-Deċiżjoni tiġi adottata, jew jekk it-twettiq tar-rekwiżiti kostituzzjonali għal din id-Deċiżjoni, jekk ikun hemm, ikunx innotifikat wara l-10 ta' Lulju 2021.
- (3) Entitajiet stabbiliti fl-Istati tal-EFTA jenħtieġ li jkunu intitolati li jipparteċipaw f'attivitajiet li jibdew qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Il-kostijiet imġarrba għall-attivitajiet, li l-implimentazzjoni tagħhom tibda wara l-1 ta' Jannar 2021 jistgħu jitqiesu bħala eliġibbli taħt l-istess kundizzjonijiet bħal dawk applikabbli għal spejjeż imġarrba minn entitajiet stabbiliti fl-Istati Membri tal-UE sakemm din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ qabel it-tmiem tal-azzjoni kkonċernata.

---

<sup>1</sup> ĠU L 172, 17.5.2021, p. 53.

- (4) Il-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Istati tal-EFTA u tal-istituzzjonijiet, l-impriżi, l-organizzazzjonijiet u ċ-ċittadini tagħhom fil-programmi tal-Unjoni Ewropea huma stabbiliti fil-Ftehim ŻEE u b'mod partikolari fl-Artikolu 81 tiegħu.
- (5) Għaldaqstant, il-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan, sabiex din il-kooperazzjoni estiża tkun tista' sseħħ mill-1 ta' Jannar 2021,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

## *Artikolu 1*

Jiddaħħal il-punt li ġej fil-paragrafu 7 tal-Artikolu 3 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE,:

‘(f) L-atti tal-Komunità li għandhom jidħlu fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2021:

- **32021 R 0783**: Ir-Regolament (UE) 2021/783 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni dwar il-Klima (LIFE), u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 (ĠU L 172, 17.5.2021, p. 53).

Il-kostijiet imġarrba għal attivitajiet li l-implimentazzjoni tagħhom tibda wara l-1 ta' Jannar 2021 jistgħu jitqiesu bħala eliġibbli mid-data tal-bidu tal-azzjoni msemmija fil-ftehim tal-għotja jew id-deċiżjoni tal-għotja kkonċernati, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fihom, dment li d-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru .../2021 ta' ... 2021 [din id-Deċiżjoni] tidħol fis-seħħ qabel tmiem l-azzjoni.

Il-Liechtenstein u n-Norveġja għandhom jiġu eżentati mill-parteċipazzjoni fi, u l-kontribuzzjoni finanzjarja għal, dan il-programm.’.

## *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE\*.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2021.

## *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, ...

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

[...]

*Is-Segretarji*

*Tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

[...]

---

\* [Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.] [Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]